# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 31 ta' Awwissu, 2021.**

**Numru 2**

**Rikors numru 293/2020/1 GM**

**Il-Pulizija**
**(Asst. Kumm Dennis Theuma)**

**v.**

**Andre Falzon u Sean Farrugia**

1. L-appellant (Andre Falzon) appella mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tal-24 ta' Mejju 2021 u li ddeċidiet referenza kostituzzjonali li saret mill-Qorti tal-Appell Kriminali (digriet tas-27 ta' Novembru 2020) b'dan il-mod:

> *"Għal dawn il-motivi, din il-Qorti **ma ssibx** li l-akkużat qed isofri minn xi vjolazzjoni taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta minħabba li ser jiġi leż d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq fl-appell minnu intavolat quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u dan billi qed jinħoloq preġudizzju għalih meta l-Att numru 1 tal-2015 kif sussegwentment emendat, fejn allura*

*għandu jsib applikazzjoni wkoll fi stadju ta' reviżjoni, jeskludi l-applikazzjoni favur tiegħu tal-piena favorevoli u dan meta huwa jkun ġie ġġudikat mill-qrati inferjuri għalkemm l-ammont ta' droga mertu tal-każ jeċċedi l-limitu ndikat fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi".*

2. Fil-qosor il-fatti l-iktar rilevanti li wasslu għal dawn il-proċeduri huma s-segwenti:

i. B'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-9 ta' Novembru 2012 (**Il-Pulizija v. Andre Falzon et**), l-appellant Falzon instab ħati ta' assoċjazzjoni fil-bejgħ jew traffikar tal-pjanta kannabis; traffikar ta' droga kokaina; pussess ta' kokaina; kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta kannabis f'ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu; kellu pussess sempliċi tar-raża tal-kannabis; hu reċidiv; u ttraffika fir-raża meħuda mill-kannabis. L-appellant kien kundannat piena ta' sitt snin priġunerija u multa ta' €4,000.

ii. Fl-20 ta' Novembru 2012 l-appellant appella mis-sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

iii. Fit-23 ta' Marzu 2018 saret talba lill-Qorti tal-Appell Kriminal sabiex tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga skont id-disposizzjonijiet tal-Att dwar Dipendenza Fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija) (Kap. 537). B'digriet tat-13 ta' Novembru 2019 il-Qorti ċaħdet it-talba għaliex *"..... l-ammont*

*ta' kważi 685 grammi tal-kannabis ta' purita' ta' 5.5% jeċċedi l-ammont ta' 300 gramma stabbilit fir-Raba' Skeda għall-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta"*.

iv. B'rikors preżentat fl-24 ta' Settembru 2020 l-appellant talab lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex tordna referenza kostituzzjonali għaliex kien hemm leżjoni tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq kif protett taħt l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

v. B'digriet mogħti fis-27 ta' Novembru 2020 il-Qorti tal-Appell Kriminali laqgħet it-talba u ordnat referenza *ai termini* tal-Art. 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-Art. 4 tal-Kap. 319 sabiex tingħata tweġiba:

> *"Jekk l-akkużat hux qed isofri minn xi vjolazzjoni taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni minħabba li ser jiġi leż d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq fl-appell minnu intavolat quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u dan billi qed jinħoloq preġudizzju għalih meta l-Att numru I tal-2015 kif sussegwentement emendat, fejn allura għanu isib applikazzjoni wkoll fi stadju ta' reviżjoni, jeskludi l-applikazzjoni favur tiegħu tal-piena favorevoli u dan meta huwa jkun ġie iġġudikat mill-qrati inferjuri għalkemm l-ammont ta' droga mertu tal-każ jeċċedi l-limitu ndikat fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi"*.

3. Ir-raġunament tal-ewwel Qorti kien dan:

> *"Il-Kap 537 ġie ppromulgat fil-15 t'April 2015 u ċjoe` madwar 6 snin wara li ġie kommess ir-reat; madwar 3 snin wara s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, u fil-mori tas-smigħ tal-appell minn dik is-sentenza quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali. Minkejja dan, jidher li dan il-Kap xorta jista' jiġi applikat għal Andre` Falzon kemm-il darba jiġu sodisfatti l-kriterji meħtieġa taħtu.*
>
> *Dak li din il-Qorti trid tiddeċiedi hu jekk wieħed minn dawn il-kriterji, u ċjoe` l-limitu ta' 300 gramma mpost mil-leġislatur, huwiex wieħed*

*arbitrarju u artifiċjali u allura jiksirlu d-dritt għal smigħ xieraq billi jeskludih minn access għal Qorti li tista' tagħtih piena iktar favorevoli.*

*Artiklu 6 tal-Konvenzjoni u Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ma jagħtux garanzija espliċita ta' dritt t'aċċess għal Qorti. Din il-garanzija iżda tista' titqies impliċita fl-istess disposizzjonijiet għaliex ikun bla siwi li jkollok kull garanzija ta' smigħ xieraq waqt proċeduri ġudizzjarji jekk l-aċċess tiegħek għall-Qorti jkun imbarrat. B'danakollu mhux kull limitazzjoni għall-aċċess lill-Qorti jsarraf fi ksur tad-dritt għal smigħ xieraq. Dan id-dritt mhuwiex wieħed assolut u huwa suġġett għal limitazzjonijiet. Il-Qorti ta' Strasburgu tgħid li min-natura tiegħu stess, dan id-dritt jiġi regolat mill-Istat, u jista' jvarja skont il-post u ż-żmien skont il-ħtiġijiet u r-riżorsi tal-komunita` u tal-invividwu. L-Istat għandu marġini t'apprezzament meta jagħmel regolamenti bħal dawn, imma l-limitazzjonijiet m'għandhomx ikunu tali li jġibu fix-xejn l-essenza tad-dritt involut. Barra minn hekk, limitazzjoni titqies inkompatibbli jekk ma jkollhiex għan leġittimu jew jekk ma jkunx hemm relazzjoni raġonevoli ta' proporzjonalita` bejn il-mezzi użati u l-għan li jrid jiġi milħuq.*

*Fil-każ quddiem din il-Qorti, it-threshold impost mil-liġi hu marbut mal-kwantita` ta' droga. Il-leġislatur jiddistingwi bejn ammonti żgħar ta' droga u ammonti ikbar u jagħti l-benefiċċju ta' trattament minflok pieni iktar ħorox lil min ikun inqabad b'ammonti żgħar. Il-Qorti tasal biex taqbel li l-leġislatur qiegħed jiffissa x'inhu ammont żghir permezz ta' kriterju "artifiċjali". Imma r-regoli tal-liġi huma kollha kemm huma "artifiċjali" fis-sens li ma jinstabux fin-natura. Huma maħluqin mil-leġislatur li jista' wkoll ibiddilhom minn żmien għall-ieħor. B'daqshekk iżda ma jfissirx li l-iffissar ta' threshold ikun wieħed arbitrarju. Il-leġislatur f'dan il-każ dehrlu li kellu jaqta' linja biex jiddistingwi bejn ammonti żgħar u ammonti kbar ta' droga. Kellu kull dritt jaqta' linja biex jagħti benefiċċju lil min jippossjedi ammonti żgħar ta' droga, iżda mhux ukoll lil min jippossjedi ammonti kbar. Id-dritt fundamentali għal smigħ xieraq fil-forma ta' aċċess liberu u effettiv għal Qorti ma jfissirx li kulħadd għandu d-dritt jaċċedi għal kull Qorti, imma dritt għal aċċess għal Qorti disponibbli għax-xorta ta' reat li jkun akkużat bih. It-threshold inħolqot proprju biex taqta' linja ċara u netta. Kien ikun hemm arbitrarjeta` li kieku jsir kif jippretendi Andre` Falzon u ċjoe` li kieku l-leġislatur ma qata' l-ebda linja bejn ammont żgħir u kbir ta' droga u ħalla kollox f'idejn il-Qorti. Huwa intuwittiv li, speċjalment fil-kamp penali, il-Qrati għandhom japplikaw il-liġi skont kriterji ċari u netti u mhux skont id-diskrezzjoni soġġettiva tagħhom. Tant hu hekk, li ċ-ċertezza legali (legal certainty) hi meqjusa bħala limitazzjoni aċċettabbli għad-dritt t'aċċess lill-Qorti. Il-Qorti lanqas ma tara kif din it-treshold tpoġġi limitazzjoni li m'għandhiex għan leġittimu inkella li mhix raġonevoli u proporzjonali għall-għan li għalih ġiet stabbilita".*

4. B'rikors preżentat fl-4 ta' Ġunju 2021 l-appellant appella mis-sentenza tal-ewwel Qorti. Fit-18 ta' Ġunju 2021 l-Avukat tal-Istat wieġeb u ta r-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

5. L-ilment tal-appellant hu li ma jistax jieħu l-benefiċċju tal-Att dwar Dipendenza Fuq id-Droga (Trattament Mhux Priġunerija) (Kap. 537) għaliex il-kwantita` ta' droga li kellu fil-pussess tiegħu kienet iktar minn dak li jissemma fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101). Għalhekk kienet nieqsa waħda mill-kundizzjonijiet sabiex il-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga. Skont ir-Raba' Skeda tal-Kap. 101, li fihom hemm il-linji gwida, it-*threshold* hu ta' 300 gramma.

6. Fir-rikors tal-appell l-ilment tal-appellant ġie spjegat hekk:

> *"18. F'dan il-każ iqis illi minkejja li wera li huwa kandidat idoneju għall-applikazzjoni tal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, xorta waħda ma għandux aċċess għall-Qorti tad-Droga sempliċement minħabba threshold arbitraru, artifiċjali u rraġonevoli, li ma huwa ibbażat fuq ebda element soġġettiv jew xjentifiku, u li ma jnaqqas xejn mill-merti ndividwali ta' kull progress jew riabilitazzjoni sħiħa li setgħet saret mill-imputat innifsu.*
>
> *19. Dan qed jingħad partikolarment għaliex f'dan il-każ it-threshold in kwistjoni huwa ta' 300 gramma, filwaqt li qed jiġi attribwit lill-appellant u lill-ko-akkużat kollettivament ammont ta' circa 600 gramma, u għalhekk jekk wieħed jagħmel apporzjonament xorta waħda s-sehem ta' kull wieħed mill-ko-akkużati ma jaqbiżx l-ammont stabbilit.*
>
> ...............
>
> *21. F'dan il-każ, hemm ostakolu li qed iwaqqaf lill-appellant milli jagħmel il-każ tiegħu quddiem il-Qorti dwar id-Droga, li f'dan il-każ hija l-'competent court'. Għaldaqstant, qed jiġi leż id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq minħabba l-fatt li mhuwiex qed jingħata aċċess għall-Qorti dwar id-Droga, mhux għaliex mhuwiex kandidat idoneju, iżda abba abbażi ta'*

*threshold arbitrarju li ma jissodisfax il-kriterji ta' leġittimita u proporzjonalita.*

*22. Il-Qorti adita bil-meritu tal-każ għandha jkollha d-diskrezzjoni li tevalwa ċ-ċirkostanzi partikolari kollha tal-każ biex tiddetermina jekk l-esponent jissodisfa r-rekwiżiti tal-art. 8(2) tal-Kapitolu 537 u m'ghandhiex ikollha idejha marbuti b'threshold li ma jnaqqas xejn mill-merti individwali ta' kull progress jew riabilitazzjoni sħiħa li setgħet saret mill-esponent".*

7. Skont Art. 8(1) tal-Kap. 537:

*"Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li, irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika lil-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija, u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kullxhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema', toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga".*

8. Billi f'dan il-każ il-Qorti tal-Appell Kriminali b'digriet tat-13 ta' Novembru 2019 ċaħdet it-talba tal-appellant sabiex tikkonverti f'Qorti dwar id-Droga, allura ma tipproċedix biex tirreferi lill-appellant quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga u li jkollu s-setgħa li jagħti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna akkużata kif spjegat f'Art. 6 tal-Kap. 537. Proċess li eventwalment jista' jwassal sabiex l-akkużat jieħu benefiċċju għal dak li jirrigwarda l-piena li tiġi nflitta fuqu mill-qorti kompetenti (Art. 8(7) tal-Kap. 537).

9. Fl-ewwel lok il-Qorti tosserva b'referenza għal dak li ddikjara l-appellant f'paragrafu 19 tar-rikors tal-appell, li fil-każ tiegħu l-ammont ta' droga nvoluta kienet ta' 684 grammi. Għallinqas mill-atti jirriżulta li fir-residenza tiegħu nstabet dik il-kwantita` ta' droga. Pakkett li skont ma xehed ix-xjenzjat Godwin Sammut, minnu joħorġu 3420 doża u kull doża sservi tliet siegħat. Minn dan it-tagħrif biżżejjed li wieħed jasal għall-konklużjoni li l-ammont ta' droga kien wieħed konsiderevoli u iktar mid-doppju mill-massimu li tikkontempla l-liġi sabiex il-każ tal-akkużat jinstema' u jiġi deċiż mill-Qorti dwar id-Droga. Ir-raġunament tal-appellant li bejn żewġ akkużati l-ammont ta' droga hu ftit iktar minn tliet mitt gramma, ma jirriflettix ir-realta` ta' dak li jirriżulta mis-sentenza appellata.

10. Fit-tieni lok m'huwiex veru li apparti l-ammont ta' droga, l-appellant issodisfa l-kriterji l-oħra li hemm bżonn sabiex qorti tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga taħt Kap. 537. Fid-digriet tat-13 ta' Novembru 2019 il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet sempliċement li d-droga nvoluta kienet teċċedi bil-bosta l-ammont ta' droga li kien jissemma fir-Raba' Skeda tal-Kap. 101, u waqfet hemm billi ċaħdet it-talba tar-rikorrent. Il-Qorti tal-Appell Kriminali ma kkunsidratx jekk l-appellant kienx jissodisfa l-kriterji l-oħra li hemm bżonn skont l-Art. 8(2) tal-Kap. 537.

11. Bil-mod li jirraġuna l-appellant ikun ifisser li l-kriterju tal-ammont tad-droga nvoluta f'dawn it-tip ta' reati, għandu jitneħħa għal kollox. Pero`

din hi materja ta' diskrezzjoni tal-leġislatur għal dak li jikkonċerna *policy* penali, għalkemm hemm argumenti favur u kontra. Il-leġislatur għażel li jinkludi bħala *threshold* massimu ta' ammont ta' droga li tkun involuta fil-każ sabiex l-akkużat ikun jista' jibbenefika minn dik il-proċedura speċjali quddiem Qorti dwar id-Droga.

12. Il-leġislatur igawdi minn diskrezzjoni meta jiġi biex jintroduċi liġijiet innovativi bħal din f'qasam tant delikat. Il-fatt li l-appell tal-appellant m'huwiex ser jiġi determinat mill-Qorti dwar id-Droga ma jfissirx li ser jiġi leż id-dritt tal-appellant għall-aċċess tal-qorti, taħt l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni.

13. Waqt it-trattazzjoni id-difensur tal-appellant għamlet referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti fil-każ **Il-Pulizija v. Mario Zammit** tat-18 ta' Lulju 2017. Każ li kien jitratta referenza kostituzzjonali fir-rigward tal-Art. 8(1) tal-Kap. 537. Liġi li kif intqal tajjeb f'dik is-sentenza għandha l-għan li, *"..... tirrijabilita iktar milli tippenalizza lil min ikun akkużat b'reati konnessi mad-droga. Permezz ta' din il-proċedura l-akkużat ikun jista' jibbenefika minn trattament, u piena, anqas milli kieku ġie ġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u mill-Qorti tal-Appell Kriminali talvolta, bħal fil-każ preżenti jsir appell"*. Każ li pero` ma kellux x'jaqsam mal-kundizzjoni dwar il-massimu ta' kwantita ta' droga sabiex akkużat ikun jista' jieħu benefiċċju minn dik il-liġi speċjali, iżda mal-

fatt li l-akkużat ma setax igawdi minn dik il-liġi għaliex il-każ tiegħu kien fi stadju ta' appell. Għalkemm Zammit talab lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex tikkonverti f'Qorti dwar id-Droga, dik il-Qorti ċaħdet it-talba għaliex ikkonkludiet li d-disposizzjonijiet tal-Kap. 573 ma japplikawx għal dawk il-każijiet fejn persuna tkun diġa` ġiet ġudikata mill-ewwel Qorti u jkollha l-każ tagħha pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

14. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonkludiet ukoll li ma kienx hemm ksur tal-Art. 6 tal-Konvenzjoni, iżda ksur tal-Art. 7 tal-Konvenzjoni bir-raġunament ikun li filwaqt li min tressaq quddiem il-qrati kriminali b'reati konnessi mad-droga u kellhom il-proċeduri kriminali għadhom pendenti, seta' jibbenefika minn trattament u piena anqas, filwaqt li Zammit ma setax jieħu benefiċċju għaliex il-każ tiegħu kien pendenti fl-appell. Kif rajna l-fatti ta' dak il-każ m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-każ in eżami. L-appellant ma jistax jibbenifika mid-disposizzjonijiet tal-Kap. 573 mhux għaliex il-każ tiegħu pendenti fl-appell, iżda minħabba l-fatt li ma jissodisfax il-kundizzjoni li d-droga nvoluta tkun inqas minn 300 grammi. Kundizzjoni li kienet hemm sa mill-bidunett tad-dħul fis-seħħ tal-Kap. 573. Għaldaqstant, l-appellant ma jistax jirnexxi fl-ilment tiegħu billi jistrieħ fuq dik is-sentenza.

15. L-appellant għandu aċċess għall-qorti tant li ppropona appell mis-sentenza tal-ewwel Qorti li għadu *sub judice*. Hu veru li talab lill-Qorti tal-

Appell Kriminali sabiex tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga taht id-disposizzjonijiet tal-Kap. 537 u t-talba ġiet miċħuda minħabba l-kwantita` ta' droga nvoluta fil-każ in eżami. Madankollu l-leġislatur igawdi minn diskrezzjoni fil-kriterji li hemm bżonn skont il-liġi sabiex akkużat igawdi mill-benefiċċji li jista' jkun intitolat għalihom taħt Kap. 537. Wara kollox apparti l-interess tal-privat, f'dawn il-każijiet hemm ukoll l-interess pubbliku.

16. Evidenti li għal dawn it-tip ta' każijiet ittieħdet deċiżjoni li jiġi stabbilit limitu għal dak li jirrigwarda l-kwantita` ta' droga nvoluta fil-każ, peress li l-leġislatur irraġuna li iktar ma tkun il-kwantita` ta' droga nvoluta, iktar hu serju l-każ u l-akkużat m'għandux ikun intitolat li jieħu benefiċċju li l-każ tiegħu jinstema u jiġi deċiż mill-Qorti dwar id-Droga. F'dan ir-rigward ried jillimita l-każijiet fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni li tordna li l-każ ikun deċiż minn dik il-qorti speċjali.

17. Wieħed jista' jaqbel jew ma jaqbilx ma' dik il-posizzjoni. Pero` il-Qorti tqis li taqa' fid-diskrezzjoni tal-leġislatur li jimponi dak il-massimu ta' piż ta' droga li għandha tkun involuta sabiex akkużat jieħu benefiċċju li l-każ ikun ikkunsidrat u deċiż mill-Qorti dwar id-Droga. Evidenti li l-leġislatur f'dan ir-rigward ipprova jżomm bilanċ meta tqis is-serjeta` tar-reati konnessi mad-droga u l-ħsara kbira li tikkawża fis-soċjeta`. Dan ovvjament qiegħed jingħad b'referenza għall-ilment li għandha

quddiemha l-ewwel Qorti, u li jirreferi għad-dritt tal-appellant li jkollu aċċess għall-Qorti dwar id-Droga. Tliet mitt (300) gramma, droga irrispettivament mit-tip li tkun, hu wkoll ammont konsiderevoli. Dan ma kienx xi każ fejn kien hemm involut formaliżmu eċċessiv li ssemma fil-każ **Zubac v. Croatia** (applikazzjoni numru 40160/12) tal-5 ta' April 2018. Każ li rrefera għalih ir-rikorrent f'paragrafu 20 tar-rikors tal-appell. Anzi f'dik is-sentenza l-Qorti qalet:

> *"78. However, the right of access to the courts is not absolute but may be subject to limitations; these are permitted by implication since the right of access by its very nature calls for regulation by the State, which regulation may vary in time and in place according to the needs and resources of the community and of individuals (see Stanev v. Bulgaria [GC], no. 36760/06, § 230, ECHR 2012). In laying down such regulation, the Contracting States enjoy a certain margin of appreciation. Whilst the final decision as to observance of the Convention's requirements rests with the Court, it is no part of the Court's function to substitute for the assessment of the national authorities any other assessment of what might be the best policy in this field. Nonetheless, the limitations applied must not restrict the access left to the individual in such a way or to such an extent that the very essence of the right is impaired. Furthermore, a limitation will not be compatible with Article 6 § 1 if it does not pursue a legitimate aim and if there is not a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be achieved (see Lupeni Greek Catholic Parish and Others, cited above, § 89, with further references)".*

18. Dan apparti li hemm kriterji oħra li għandhom jiġu sodisfatti sabiex persuna tkun intitolata li tidher quddiem dik il-Qorti. Kriterji li jissemmew f'subinċiż (2) tal-Art. 8 tal-Kap. 537 u li m'hemmx prova li f'dan il-każ partikolari ġew sodisfatti mill-appellant.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż kollha kontra l-appellant.

Kopja ta' din is-sentenza għandha tintbagħat lill-Qorti tal-Appell Kriminali li quddiemha hemm pendenti l-appell tal-appellant, sabiex tkun tista' tissokta bis-smigħ tal-appell.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr